MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 709/2005

**Giovanni Schembri Limited (C-5003)**

**Vs**

**P. S. G. Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' erba' mija u hamsa w erbghin lira Maltin u sitta w erbghin centezmu (Lm445.46c) rapprezentanti merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-Nota ta’ Riduzzjoni pprezentata fil-21 t’April, 2005 li permezz taghha s-socjeta’ attrici rriduciet is-sorte ghal wiehed u erbghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm41.75c) stante pagament ta’ erba’ mija u hamsa w erbghin lira Maltin u sitta w erbghin centezmu (Lm445.46c) maghmul fit-8 t’April, 2005, mil-liema pagament tnaqqas l-ewwel l-imghax li lahaq iddekorra fuq is-sorte b’effett mill-4 ta’ Frar, 2004 sad-data tal-pagament, ammontanti dan l-imghax ghal wiehed u erbghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm41.75c) u nzamm ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Ra l-Kapitolu ghall-bilanc u fuq il-kap ta’ l-ispejjez li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ wiehed u erbghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm41.75c) bl-interessi mil-lum.  L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------